MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Rikors Numru. 11/2005/1

Rikors Nru: 11/2005

Mary Cassar

vs

Francis, Philip u Joseph ahwa Cilia

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-11 ta’ Ottubru 2005 fejn esponiet:

Illi l-esponenti hija l-proprjetarja ta’ l-ghalqa ta’ cirka erbat elef u tnejn u tletin metru kwadru (4032mk) imsejjha tax-Xaghra tat-Targa l-Hamra limiti tas-Salib ta’ l-Gholja, Siggiewi.

Illi l-ghalqa hija mqabbla lill-intimati versu l-qbiela ta' ghaxar liri (Lm10) fis-sena, pagabbli bil-quddiem kull sena;

Illi l-intimati abbandunaw l-ghalqa u qed ihalluha zdingata u lanqas qed tinhadem;

Ghaldaqstant l-esponenti qed titlob lil dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess ta' l-imsemmija ghalqa ta' cirka erbat elef u tnejn u tletin metru kwadru (4032m.k.) imsejjha tax-Xaghra tat-Targa l-Hamra limiti tas-Salib ta' l-Gholja, Siggiewi.

Ra l-intimati gew debitament notifikati imma la ressqu risposta u lanqas ikkontestaw it-talba llum.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Fil-kontumacja ta' l-intimati jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha terga' tiehu f'idejha l-ghalqa ta' cirka erbat elef u tnejn u tletin metru kwadru (4032mk) imsejjha tax-Xaghra tat-Targa l-Hamra limiti tas-Salib ta' l-Gholja, Siggiewi;

Ghall-ghan ta' tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------